



Brussell, 23 ta' April 2026
(OR. en)

8526/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0094 (NLE)**

**ENV 406
CLIMA 220
POLMAR 34**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 172 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin fil-Grigal tal-Atlantiku waqt il-laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR ta' Ġunju 2026

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 172 final.

Mehmuż: COM(2026) 172 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.4.2026
COM(2026) 172 final

2026/0094 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin fil-Grigal tal-Atlantiku waqt il-laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR ta' Ġunju 2026

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni tal-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent marin tal-Atlantiku tal-Grigal ("il-Konvenzjoni OSPAR") b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-rakkomandazzjoni dwar it-tneħħija gradwali tal-ħbula tal-polietilen li jservu bħala inforr tat-taħkik.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni OSPAR

Il-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent marin tal-Atlantiku tal-Grigal ("il-Konvenzjoni OSPAR") għandha l-għan li tiproteġi ż-żona marittima tal-Atlantiku tal-Grigal mill-effetti negattivi tal-attivitajiet tal-bniedem biex tissalvagwardja s-saħħa tal-bniedem, tippreżerva l-ekosistemi marini u, meta jkun fattibbli, tirrestawra ż-żoni marini li jkunu ntltaqtu ħażin. Għandha 16-il Parti Kontraenti: il-Belġju, id-Danimarka, l-UE, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Iżlanda, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit u l-Iżvizzera. Il-Konvenzjoni OSPAR daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 1998.

2.2. Il-Kummissjoni OSPAR

Il-Kummissjoni OSPAR (stabbilita bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni OSPAR) hi magħmula minn rappreżentanti ta' kull waħda mill-Partijiet Kontraenti; tiltaqa' f'intervalli regolari u kull meta jkun meħtieġ minħabba ċirkostanzi speċjali. Id-doveri tagħha jinkludu s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u r-rieżami tal-prijoritajiet tal-OSPAR, il-kundizzjoni taż-żona marittima, l-effettività tal-miżuri li jkunu qed jiġu adottati, u l-ħtieġa għal kwalunkwe miżura addizzjonali jew differenti. Skont l-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni OSPAR, il-Kummissjoni OSPAR għandha s-setgħa li tadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni OSPAR.

Skont l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni, kull Parti Kontraenti għandha vot wieħed fil-Kummissjoni OSPAR. L-UE hija intitolata għal għadd ta' voti skont l-għadd tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. L-UE ma tistax teżerċita d-dritt tagħha għall-vot jekk xi Stat Membru tagħha jeżerċita d-dritt tiegħu għall-vot, u viċeversa (l-Artikolu 20(2)). Skont l-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni OSPAR, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu adottati b'vot unanimu tal-Partijiet Kontraenti jew – jekk l-unanimità ma tkunx tista' tinkiseb – b'vot ta' maġġoranza ta' tliet kwarti tal-Partijiet Kontraenti.

2.3. L-att previst tal-Kummissjoni OSPAR

Matul il-laqgħa tagħha ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni OSPAR hija mistennija tadotta rakkomandazzjoni dwar it-tneħħija gradwali tal-użu fis-sajd ta' ħbula tal-polietilen li jservu bħala inforr tat-taħkik biex l-iskart fil-baħar jitnaqqas b'mod sostanzjali mill-irkaptu tas-sajd ("l-att previst"). Il-ħbula tal-polietilen huma magħmula mill-plastik u b'hekk jikkontribwixxu għat-tniġġis mill-plastik u, barra minn hekk, joħolqu perikli dejjiema ta' tħabbil għall-ispeċijiet tal-baħar.

Ir-rakkomandazzjoni, li mhijiex legalment vinkolanti, tħeġġeġ lill-Partijiet Kontraenti tal-OSPAR biex jadottaw miżuri nazzjonali biex jissostitwixxu l-ħbula tal-polietilen b'alternattivi

ambjentalment xierqa u biex jappoġġaw l-ittestjar u l-iżvilupp ta' tali alternattivi. Barra minn hekk, tirrakkomanda sforzi kollettivi biex tiġi skambjata l-informazzjoni, jingħelbu l-ostakli potenzjali, u jiġu promossi miżuri legali ladarba jkun disponibbli alternattivi xierqa.

Ir-rakkomandazzjoni tippromwovi wkoll sforzi ta' monitoraġġ biex jinftiehem l-impatt tal-ħbula tal-polietilen fuq l-ambjent marin.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fil-laqgħa tal-Kunsill OSPAR f'Ġunju 2026 hija li tappoġġa l-adozzjoni tal-att previst. Ir-rakkomandazzjoni hija allinjata mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-ambjent marin, inklużi d-Direttiva (UE) 2019/904, li tindirizza t-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, u d-Direttiva 2008/56/KE, li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika ambjentali tal-baħar. Element ewlieni ta' din l-aħħar Direttiva jinvolve b'mod partikolari t-teħid ta' miżuri biex jiġi evitat li l-iskart fil-baħar jikkawża ħsara lill-ambjent kostali u tal-baħar, li huwa komponent essenzjali fil-kisba ta' status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar.

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar. Dawn l-atti leġiżlattivi tal-UE jipprovdu qafas koerenti għat-tneħħija gradwali possibbli tal-ħbula tal-polietilen biex jittaffa t-tniġġis mill-plastik, filwaqt li jallinjaw mal-oġettivi tar-rakkomandazzjoni prevista tal-OSPAR. Hija meħtieġa pożizzjoni tal-Unjoni dwar ir-rakkomandazzjoni prevista peress li din se tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tevita l-ħsara lill-ambjent marin filwaqt li ttejjeb il-protezzjoni tiegħu. Għalhekk huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-att previst.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”¹.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kummissjoni OSPAR hi korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni OSPAR.

L-att previst jikkostitwixxi att li għandu effetti legali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE, minħabba li r-rakkomandazzjoni dwar it-tneħħija gradwali tal-ħbula tal-polietilen li jservu bħala inforr tat-taħkik fis-sajd, anke jekk ma tkunx legalment vinkolanti, tiġġenera effetti legali skont id-dritt internazzjonali, minħabba li l-Konvenzjoni OSPAR timponi

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja v Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

obbligu ta' mġiba fuq il-partijiet kontraenti fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni OSPAR. .

F'dan il-kuntest, għandha ssir referenza għall-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni OSPAR, li jimponi obbligu legali fuq il-partijiet kontraenti biex jirrapportaw f'intervalli regolari lill-Kummissjoni OSPAR dwar “(a) il-miżuri legali, regolatorji u oħrajn meħudin minnhom għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u dwar deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet adotatti taħtha, inklużi partikolarment miżuri meħudin biex jipprevjenu u jikkastigaw kondotta f'kontravvenzjoni ma' dawn id-disposizzjonijiet [...]”. Barra minn hekk, l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni OSPAR jipprevedi li l-Kummissjoni OSPAR għandha “teżamina l-konformità tagħhom mal-Konvenzjoni u d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li hađu taħtha u magħha”.

Dawn id-dispożizzjonijiet jagħmluha ċara li l-Konvenzjoni OSPAR tistabbilixxi, b'mod legalment vinkolanti, li l-partijiet huma mistennija jieħdu miżuri biex jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni OSPAR u jirrapportaw dwar dawk il-miżuri, u li l-konformità tagħhom ma' dawk ir-rakkomandazzjonijiet għandha tiġi mmonitorjata mill-Kummissjoni OSPAR, u b'hekk jiġi impost obbligu ta' mġiba fuq il-partijiet fir-rigward ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Għal din ir-raġuni, ir-rakkomandazzjonijiet tal-OSPAR jitqiesu li jiġġeneraw effetti legali fil-konfront tal-partijiet kontraenti, inkluża l-Unjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Fil-każ tar-rakkomandazzjoni dwar it-tneħħija gradwali tal-ħbula tal-polietilen li jservu bħala inforr tat-taħkik, l-eżistenza ta' tali effetti legali hija kkonfermata mill-kontenut tar-rakkomandazzjoni. F'dan il-kuntest, għandha ssir referenza għall-punt 5 tar-rakkomandazzjoni bit-titolu “Rapporti ta' implimentazzjoni”, li jikkonferma li l-partijiet huma mistennija jimplementaw ir-rakkomandazzjoni, u huma obbligati jirrapportaw (“għandu jiġi ppreżentat”) dwar dik l-implimentazzjoni, bl-użu tal-format ta' rapportar stabbilit speċifikament fl-Anness I tar-rakkomandazzjoni.

Għalhekk, l-att previst għandu effetti legali skont id-dritt internazzjonali għall-Unjoni, minħabba li huwa impost obbligu ta' mġiba fuq l-Unjoni, bħala parti kontraenti għall-Konvenzjoni OSPAR, biex timplimenta l-att previst u tirrapporta dwar dik l-implimentazzjoni. L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn fuq l-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni dwaru f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-ambjent. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin fil-Grigal tal-Atlantiku waqt il-laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR ta' Ġunju 2026

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni OSPAR ("il-Konvenzjoni") ġiet konklużi mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE tas-7 ta' Ottubru 1998.
- (2) Skont l-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni stabbilita bl-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni ("il-Kummissjoni OSPAR") tista' tadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.
- (3) Il-Kummissjoni OSPAR, matul id-29 laqgħa regolari tagħha li tibda fit-22 ta' Ġunju 2026, hija skedata li tadotta rakkomandazzjoni dwar it-tneħħija gradwali tal-ħbula tal-polietilen li jservu bħala inforr tat-taħkik.
- (4) Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni OSPAR dwar it-tneħħija gradwali tal-ħbula tal-polietilen li jservu bħala inforr tat-taħkik, jekk tiġi adottata, se tipproduċi effetti legali għall-Unjoni.
- (5) Għalhekk jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fi ħdan il-Kummissjoni OSPAR fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar it-tneħħija gradwali tal-ħbula tal-polietilen li jservu bħala inforr tat-taħkik.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha taqbel, fi ħdan il-Kummissjoni OSPAR, mal-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni dwar it-tneħħija gradwali tal-ħbula tal-polietilen li jservu bħala inforr tat-taħkik.

Artikolu 2

Il-bidliet tekniċi minuri fil-pożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*